

# l-Iskultur għall-Knisja monumentali ta' Birkirkara

kitba ta' Lorenzo Zahra

Kien fis-seklu tmintax li nbena t-tempju manifiku tal-arkitet Cachia ġewwa Birkirkara. Illum din il-knisja monumentali hija il-kolleġjata u bażilika dedikata lill Santa Liena Imperatriċi

M'għandniex xi ngħidu hija bla dubju wieħed mil-isbaħ tempji barokki li għandna. Naturalment hija xogħol li sar bid-dehen ta' Maltin missirijietna li ħallewlna opri għall-glorja t'Alla li jżejnu dawn il-gżejjer tagħna.

It-tempju huwa mżejjen b'pilastri għolja li fuqhom iżejnu huma il-kapitelli. Maħduma b'perfezzjoni kif jitlob l-stil. Ta' min ifakkar li dawn kienu saru mil-artist Giacomo Zahra, iben Antonio mill-Birgu f'żmien il-prokuratur il-Kanonku Salvu Borg.



Dan Giacomo wkoll kellu jieħu ħsieb l-armar biex setgħa jagħmel dawn ix-xogħlijiet. L-istess Giacomo kien ftiehem li jaħdem ukoll id-dekorazzjoni ta' twieqi tas-sekondo ordni bl-istess mod li kien diġa` lesta waħda biex juri kif kellom isiru l-oħrajn.

Ix-xogħol tal-kapitelli kellu jkun bħal dawk tal-Katidral u li kellu jlesti f'żmien tletin xahar.

Dan il-ftehim sar f 28 ta' Frar 1743 biex hekk ix-xogħol jkun lest sa ma fl-1745 setgħet ġiet it-trasferitta l-Kolleġata għal dan il-manifiku tempju.

Ref AAM A/C VOL 101. PG 298